MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2014

Rikors Kongunt Numru. 386/2014

**AB**

**u**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt tar-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew:

Illi l-partijiet zzewgu fis-16 ta' Gunju tas-sena 2001 fil-Knisja ta' St Patrick's tas-Sliema u liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta, hekk skont ic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok EM 1 u minn liema zwieg il-partijiet kellhom tifla, Veronica, li llum ghandha hdax-il sena;

Illi l-partijiet sseparaw permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni datat 3 ta’ Marzu 2010, fl-atti tan-Nutar Dr Elena Farrugia liema kuntratt qed jigi anness u mmarkat Dok EM 2;

Illi l-partijiet ilhom jghixu hajja separata minn Settembru tas-sena 2009, u cioe’ ghal itkar minn erba’ snin;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u ghal kull buon fini qed jigi hawn anness l-affidavit tar-rikorrenti, immarkat bhala Dok EM 3;

Illi m’hemm l-ebda manteniment dovut bejn il-partijiet, kif jidher minn klawsola 4 tal-istess kuntratt, u inoltre, il-partijiet kienu ftehmu illi r-ragel ghandu jhallas it-tuition fees tat-tifla minuri, u nofs l-ispejjez tas-sahha, kif jidher minn klawsola 10 (i) tal-kuntratt ta’ separazzjoni, sabiex bhala manteniment fiss ghat-tifla, m’hemm xejn dovut;

Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju, skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talbu prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna li din il-Qorti :

1. Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-17 ta’ Settembru, 2014;

Rat l-affidavit bix-xhieda taz-zewg rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mit-3 ta’ Marzu 2010, izda ilhom jghixu hajja separata minn Settembru tas-sena 2009;

Illi ir-rikorrenti ippruvaw wkoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejniethom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------